*talba għal aċċess għal dokumenti ai termini tal-artikolu 3 tal-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta – talba għal aċċess għal dokumenti skont ir-Regolament 1049/2001 tal-Unjoni Ewropea*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 23/2023 LM

**Ahmad Aziz (K.I. nru. 392507L)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Ministry for Foreign and European Affairs and Trade**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Ahmad Aziz (K.I. nru. 392507L)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fit-2 ta' Marzu, 2023, fil-konfront tal-intimat **Ministry for Foreign and**

**European Affairs and Trade** [hawn hekk 'il-Ministeru appellat'], fejn it-Tribunal iddeċieda li d-dokumenti mitluba mir-rikorrent, senjatament korrispondenza bejn l-European External Action Service (EEAS) u l-Ministeru intimat, mhumiex fil-pussess tal-Ministeru intimat, qatt ma kienu fil-pussess tiegħu, u li hemm dubju dwar kemm tali dokumenti verament jeżistu. In vista ta' dan, it-Tribunal ċaħad l-appell tar-rikorrent, u kkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* [minn issa 'il-Kummissarju'] tat-2 ta' Mejju, 2022.

**<u>Fatti</u>**

2. Fl-4 ta' Diċembru, 2021, ir-rikorrent kien talab *ai termini* tal-artikolu 3 tal-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta li jingħata aċċess għal dokumenti allegatament miżmuma mill-Ministeru intimat. Ir-rikorrent spjega li d-dokumenti in kwistjoni huma dwar deċiżjoni tal-President tal-Kummissjoni Ewropea rigward ilmenti li kienu tressqu mill-appellant, wara li r-rikorrent allegatament kien vittma ta' attentat ta' qtil waqt li kien qiegħed iservi bħala *envoy* permanenti għall-Unjoni Ewropea fil-Pakistan. Il-Ministeru intimat wieġeb lir-rikorrent fil-5 ta' Jannar, 2022, fejn infurmah li t-talba tiegħu ma setgħetx tiġi milqugħa għaliex id-dokumenti in kwistjoni ma kienux fil-pussess tal-Ministeru. Ir-rikorrent talab lill-Ministeru jikkonsidra t-talba tiegħu mill-ġdid fil-21 ta' Jannar, 2022, fejn spjega li huwa ċittadin Malti, membru tal-korp diplomatiku, u huwa kien talab aċċess għal dawn id-dokumenti skont ir-Regolament 1049/2001 tal-Unjoni Ewropea. Ir-rikorrent għamel riferiment għal ittra li ntbagħtet lilu, fejn huwa ġie mgħarraf li kien ser jingħata protezzjoni konsulari waqt li jkun impjegat b'mod

permanenti, u dan għall-protezzjoni tiegħu. Ir-rikorrent qal li waqt li kien fil-Pakistan huwa ġie arrestat, u kellu jgħaddi ġuri f'dak il-pajjiż minħabba f'ilment li ressaq lill-Kummissjoni Ewropea kontra l-awtoritajiet Maltin u Pakistani. Ir-rikorrent qal li ġie deċiż li l-akkużi miġjuba kontrih kienu mingħajr bażi, u ġie meħlus wara li ġie kkonsidrat li huwa membru tal-korp diplomatiku b'impjieg permanenti, u li huwa jirrappreżenta lill-Gvern Malti jew lill-Unjoni Ewropea. Ir-rikorrent qal li kif wasal lura Malta fit-3 ta' Mejju, 2018, huwa ġie arrestat, u l-Pulizija ħadulu d-dokumenti kollha li kien hemm fil-baggalja tiegħu, liema dokumenti r-rikorrent spjega li kienu fil-pussess tiegħu għaliex huwa *envoy* tal-European External Action Service (EEAS.) Qal ukoll li l-proċeduri kriminali mibdija kontra tiegħu quddiem il-Qrati Maltin għadhom ma ġewx konklużi. Ir-rikorrent jikkontendi li huwa qatt ma kellu jiġi arrestat għaliex għandu l-immunità diplomatika, u dan il-fatt ġie kkonfermat ukoll mill-Ombudsman f'Malta.

3. Il-Ministeru intimat ħa l-pożizzjoni li dawn id-dokumenti ma jinsabux fil-pussess tiegħu. Il-Kummissarju ntalab jinvestiga jekk il-Ministeru intimat setax jinvoka l-artikolu 14ġ tal-Kap. 496 sabiex jirrifjuta li jagħti aċċess għall-imsemmija dokumenti. Il-Kummissarju ikkonkluda li fil-każ odjern ma setax isib evidenza li kien hemm skambju ta' dokumenti, ittri jew xi dokumenti oħra bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-EEAS u l-Gvern ta' Malta dwar l-appellant, u għalhekk iddeċieda li ma kien hemm l-ebda evidenza li d-dokumenti mitluba mir-rikorrent verament kienu jeżistu jew li kienu fil-pussess tal-Ministeru intimat.

4. Il-pożizzjoni tal-Ministeru intimat dejjem kienet li d-dokumenti li jirreferi għalihom ir-rikorrent mhux veru jeżistu, u mhux minnu li kien hemm din il-korrispondenza bejn l-EEAS u l-Ministeru Malti għall-Affarijiet Barranin.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-2 ta' Marzu, 2023, it-Tribunal ikkonferma d-deċiżjoni mogħtija mill-Kummissarju fit-2 ta' Mejju, 2022, u b'hekk aċċetta l-pożizzjoni tal-Ministeru intimat li d-dokumenti mitluba mir-rikorrent mhumiex fil-pussess tal-Ministeru, qatt ma kienu fil-pussess tiegħu, u li hemm dubju dwar kemm din il-korrispondenza verament intbagħtet. It-Tribunal għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu:

> *"Considerations by this Tribunal;*
>
> *Regarding the grievance that the Ministry failed to reply to his request within the prescribed time established by the Freedom of Information Act Chapter 496 and the Commissioner gave his decision more than twenty working days after he made his request and this is contrary to Chapter 496, the Tribunal notes that the appellant fails to quote the article in Chapter 496 on which he is basing his claim; however the Ministry in its reply admits that it submitted its reply one day after the lapse of twenty working days as requested by article 10 of Chapter 496.*
>
> *This Tribunal refers to article 3 of Chapter 496 which states:* "Any eligible person has a right of access to documents held by public authorities in accordance with and subject ot the provisions of this Act."
>
> *That the deadline requested by Article 10 applies to a request made in terms of Article 3.*
>
> *In this case the appellant applied to the Commissioner requesting his intervention to decide that the decision of the Ministry not to provide him with the documents*

*requested because it does not have them is in accordance with the requirements of this Act.*

*In fact, from the declaration submitted by the Commissioner it results that the Commissioner considered the information requested by the appellant under Article 23 of the Act as per the appellant's request and in accordance with article 24 of the same Act, the Commissioner can give the authority such time as is specified in the notice; and that such time limit shall not expire before the end of the period within which an appeal can be brought against the note and if such an appeal is brought the information required by the notice need not be furnished pending the determination or withdrawal of the appeal.*

*That it results that the appellant filed his complaint with the Commissioner by virtue of article 23 of the Act Doc 2 attached to the declaration by the Commissioner, but no evidence was produced by the appellant as to the time limit given to the Ministry to reply.*

*It is true that the Ministry admits to submitting its reply one working day after the lapse of twenty working days but this only applies when the request is made in accordance of article 3 of Chapter 496 which is not the case in this appeal.*

*Now therefore the Tribunal rejects this ground made by the appellant that the reply submitted by the Ministry was* fuori termine.

*Regarding the grievances of the appellant in relation to the flaws he claims that the Commissioner committed that is, - that of not assessing his case file correctly as his case file contains the documents requested; that of not abiding by article 24 of Chatper 496 in terms of time frames and quotes articles 41, and 23; that of failing to share his information notice as required in article 24 and that according to the appellant amounts to breach of the right of fair hearing; that of not hearing the evidence on oath and not allowing him to cross examine the head of the Ministry; that of failing to submit details about the head of the Ministry and this also amounts according to him to breach of fair hearing; that of erroneously interpreting para 25 of the EEAS letter as not making any reference to any decision of EC President when this letter clearly states appellant message to the Presidents of the EC which was forwarded to EEAS; and finally that of stating that the ECHR decisions regarding right of documents does not apply to EU member states as the EU member states have their own law regarding the right of information; the Tribunal decides as follows:*

*That the issue regarding time frames has already been considered; that the issue regarding the failure of the Commissioner to inform him or rather to send him a copy*

*of the information notice under article 24, Chapter 496 does not provide that the Commissioner is to provide the person submitting the request a copy of the information notice and allows the right to appeal from this information notice to the public authority concerned only.*

*The appellant considers the provision of the law as depriving him of a fair hearing, but the Tribunal considers this not to be the case in that the information notice is issued by the Commissioner as per his request and in this stage, the information notice is issued so that the public authority gives the information requested. In this case it results that the appellant had the opportunity to suit such evidence when granted the right to rebut the public authority's stance but he did not provide the Commissioner with any evidence suitable to refute the reply given to the Commissioner by the Ministry that the documents requested by the applicant did not exist, the Tribunal concludes that this amounts to fair hearing and therefore his grievance that he was not given a fair hearing cannot be withheld and is being rejected.*

*Regarding the erroneous interpretation of para 25 of the EEAS letter, the Tribunal notes that the appellant was referring to para 25 of the decision of the Commissioner, that the EEAS letter dated 31st January, 2015, the Tribunal observes that from the schedule of documents submitted by the appellant, this refers to his request to the European Commissioner pursuant to Article 17 of Regulation (EU) 2018/1725 requesting for access to his personal data under the article mentioned and Doc E the reply by the Commission informing him that they have informed the Permanent Representation of Malta to the EU about the situation and that Consular protection of EU citizens is an exclusive competence of Member States. The wording of the reply by the European External Action Service (EEAA) Doc E is clear and does not by any stretch of the imagination <u>be interpreted</u> to mean that the EEAA decided in favour of his request.*

*Regarding the decision of the Commissioner, that once the reply by the public authority, in this case the Ministry, is that of a sworn declaration by the Permanent Secretary of the Ministry stating that the Ministry does not have the documents requested and has never had the documents requested, and doubting the existence of such documents, this Tribunal agrees with the decision of the Commissioner for the reasons he stated therein particularly Article 2(3) of the Regulation 1049/2001 which lays down the scope of the right to access to documents, and stipulates that the right applies to* "documents drawn up or received by it and in its possession in all areas of activity of the European Union".

*In this case it has been amply proven that the documents requested are not in the possession of the Ministry, have never been in the possession of the Ministry and the Ministry doubts their existence.*

*For the above reasons, therefore, the Tribunal rejects the appeal of the appellant and confirms the decision of the Commissioner dated 2nd May, 2022."*

## **L-Appell**

6. L-appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fit-3 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din il-Qorti: tirrevoka u treġġa' lura d-deċiżjoni tat-Tribunal tat-2 ta' Marzu, 2023; tiddikjara li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellant; tiddikjara li l-Ministeru appellat naqas milli jwieġeb għat-talba tal-appellant fi żmien għoxrin ġurnata *ai termini* tal-artikolu 10(b) tal-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta; tiddikjara li kien hemm ksur tal-preżunzjoni tal-iżvelar meta l-Ministeru appellat naqas milli jagħti aċċess għad-dokumenti mitluba mill-appellant meta kien hemm proċeduri ċivili u kriminali għaddejja kontra tiegħu; tiddikjara li l-Ministeru appellat, il-Kummissarju, u t-Tribunal kienu żbaljati meta ġew biex jevalwaw l-artikolu 24 tal-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll li l-persuni msemmija għamlu applikazzjoni żbaljata tal-artikolu 527 u 534AF(2) tal-Kodiċi Kriminali; u fl-aħħarnett li din il-Qorti tordna lill-Ministeru appellat jagħti aċċess lill-appellant għad-dokumenti msemmija.

7. L-appellant qal li huwa ċittadin Malti, li kien membru tal-korp diplomatiku b'ingaġġ permanenti mal-Unjoni Ewropea u mal-Kummissjoni Ewropea għan-nom tal-Gvern ta' Malta. Qal li huwa talab informazzjoni li tikkonsisti f'għadd ta' dokumenti rigward attentat li seħħ fuq ħajtu waqt li kien

fuq xogħol il-Pakistan, meta kien qiegħed iservi bħala *envoy* jew membru tal-korp diplomatiku. Fir-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti, l-appellant għal darb'oħra spjega d-diversi talbiet li għamel lill-Ministeru appellat sabiex jingħata aċċess għal dokumenti li huwa jallega li ttieħdu mill-pussess tiegħu meta wasal Malta mill-Pakistan. L-appellant qal li l-eżistenza ta' dawn id-dokumenti ġiet ikkonfermata minn wieħed mill-Avukati fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ta' Malta f'waħda min-noti ta' sottomissjonijiet intavolata minnu b'rabta mal-każ tal-appellant. Żied jgħid li huwa jħossu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal, u bħala l-ewwel aggravju qal li kien hemm ksur tad-dritt tiegħu li jinstema', li jingħata smigħ xieraq u protezzjoni ġudizzjarja *ai termini* tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Qal li *affidavit* tas-Segretarju Permanenti ppreżentat minn impjegat ieħor fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, Ewropej u tal-Kummerċ, jammonta għal ksur tal-artikolu 598 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u l-Qorti m'għandha tammetti l-ebda evidenza li tammonta għal *detto del detto.* Qal ukoll li huwa kellu dritt jagħmel kontro-eżami tax-xhud, fejn kellu dritt jagħmel mistoqsijiet diretti.

8. It-tieni aggravju tal-appellant huwa li dan id-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja ġie miksur meta huwa ma tħalliex jagħmel kontro-eżami tax-xhud, jew jistaqsi dwar in-nota ta' sottomissjonijiet tal-avukat mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, fejn kien hemm riferiment għall-korrispondenza li ġiet skambjata dwaru bejn l-EEAS u l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta. It-tielet aggravju tal-appellant huwa wkoll marbut mad-dritt pretiż minnu li jagħmel

kontro-eżami tax-xhieda prodotti u li jagħmel mistoqsijiet diretti lil dawn ix-xhieda.

9. L-appellant qal li d-dritt li jingħata smigħ xieraq inkisirlu wkoll għaliex l-ittra tal-EEAS hija evidenza ammissibbli *ai termini* tal-artikolu 632(2) tal-Kap. 12, u din l-evidenza tikkonferma li hemm dokumenti disponibbli għall-Ministeru, liema dokumenti ntalbu mill-appellant taħt l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

10. L-appellant qal li ladarba hemm proċeduri ċivili u kriminali mibdija fil-konfront tiegħu, fejn tali dokumenti huma ta' importanza kbira, l-aċċess għal dawn id-dokumenti huwa dritt fundamentali tiegħu. Qal ukoll li meta l-awtoritajiet Maltin bdew dawn il-proċeduri fil-konfront tiegħu, huwa kellu dritt jippreżenta dokumenti fil-proċeduri kriminali li qiegħed jiffaċċja, u għalhekk iż-żamma ta' dawn id-dokumenti jammonta għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Qal li għalhekk id-deċiżjoni tat-Tribunal tammonta għal ksur tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u d-Drittijiet Politiċi, u l-Artikolu 11 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta' Malta. Qal li d-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni huwa parti fundamentali mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni.

11. L-appellant qal li l-Kummissarju u t-Tribunal kienu żbaljati wkoll fl-applikazzjoni tal-artikolu 24 tal-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta, meta l-Ministeru appellat naqas milli jappella kontra n-notifika tal-Kummissarju fi żmien għoxrin jum.

12. L-appellant saħaq li l-fatt li l-Ministeru u t-Tribunal naqsu milli jaġixxu skont l-oġġettivi u l-prinċipji tal-Att rilevanti, jiġifieri n-nuqqas tal-Ministeru li jwieġeb għat-talba oriġinali tal-appellant u li jevalwa t-talba tiegħu fiż-żmien preskritt, jammonta għal ksur tal-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li l-limitazzjonijiet ta' żmien imposti f'dan l-Att għandhom jiġu rispettati, u l-awtorità pubblika ma setgħetx iddum aktar minn għoxrin jum biex tagħtih aċċess għall-informazzjoni mitluba minnu.

13. L-appellant qal li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-prinċipju tad-*double jeopardy,* għaliex il-gvernijiet tal-Unjoni Ewropea (sic!), ta' Malta u tal-Pakistan bdew żewġ kawżi kriminali u kawża ċivili kontra l-appellant f'Malta u fil-Pakistan dwar l-istess fatti, meta l-appellant kien resaq ilmenti quddiem il-President tal-Kummissjoni Ewropea u l-Prim Ministru Malti dwar l-attentat fuq ħajtu u dwar il-ħtieġa li huwa jingħata protezzjoni. Qal li huwa kien meħlus mill-Qorti fil-Pakistan, iżda mal-wasla tiegħu f'Malta, huwa reġa' ġie arrestat in konnessjoni mal-istess fatti.

14. L-appellant qal li l-fatt li l-Ministeru naqas milli jagħtih *acknowledgment* tal-applikazzjoni tiegħu, jammonta għal ksur tal-artikolu 41 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

15. Fl-aħħarnett l-appellant qal li t-Tribunal naqas milli jagħtih il-benefiċċju tad-dubju, meta l-Ministeru appellat esprima dubju dwar l-eżistenza tad-dokumenti mitluba minnu, quddiem sitwazzjoni fejn huwa qiegħed jiffaċċja proċeduri ċivili u kriminali f'Malta dwar l-istess fatti.

**Ir-Risposta tal-Appell**

16. Fir-risposta tiegħu l-Ministeru appellat qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tiġi kkonfermata minn din il-Qorti. Qal li l-appellant fl-ebda waqt ma kien awtorizzat jippreżenta dokumenti ulterjuri mar-rikors tal-appell tiegħu, u għalhekk id-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell għandhom jiġu sfilzati mill-proċess. Il-Ministeru appellat sostna li l-appellant qiegħed jagħmel sensiela ta' allegazzjonijiet li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u qal li ħafna mill-aggravji ma jittrattawx il-mertu tal-kwistjoni, jiġifieri t-talba għall-informazzjoni li saret mill-appellant taħt il-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellat jikkontendi li l-aggravji saru b'mod konfużjonarju, u qal li għalhekk ser jittrattahom f'daqqa fit-tweġiba tiegħu.

17. L-appellat spjega li filwaqt li l-appellant qal li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq, din il-Qorti m'għandhiex kompetenza tisma' aggravji dwar leżjonijiet ta' drittijiet fundamentali, u hija biss il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili [Sede Kostituzzjonali] li tista' tagħmel dikjarazzjonijiet bħal dawk *ai termini* tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 4 tal-Kap. 319. L-appellat qal li għalhekk l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames aggravji mressqa mill-appellant għandhom jiġu skartati minn din il-Qorti stante li din m'għandhiex il-kompetenza tisma' lanjanzi ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali. L-appellat qal li kwalsiasi riferiment li sar mill-appellant għall-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea ukoll irid jiġi skartat għaliex l-artikolu 51 ta' din il-Karta jindika x'inhi l-isfera ta' applikazzjoni tagħha. L-appellat qal li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea,

u għalhekk kull aggravju li jsemmi l-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi skartat.

18. Fl-aħħarnett l-appellat għamel riferiment għall-allegazzjoni tal-appellant li huwa għandu xi dokumenti f'idejh, u qal li l-appellant ma ressaq l-ebda provi sabiex jissostanzja din l-allegazzjoni. Qal li dwar dan għamel għadd ta' osservazzjonijiet it-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu. Żied jgħid li huwa kien eżawrjenti u estensiv fid-dikjarazzjonijiet tiegħu, u għalhekk m'għandu xejn x'iżid dwar dan. L-appellat qal li tenut kont tan-natura frivola ta' dan l-appell, hemm lok fejn l-appellant jiġi kkundannat iħallas spejjeż doppji.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

19. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, u tar-risposta tal-appellat. L-aggravji numerużi tal-appellant jistgħu jiġu sintettizzati f'żewġ aggravji ewlenin, jiġifieri l-allegazzjoni tal-appellant li hemm ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq, u li fil-fehma tal-appellant kien hemm ksur tal-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex huwa ma ngħatax aċċess għal dokumenti li l-appellant jinsisti li huma miżmuma mill-Ministeru appellat, meta ma tressqet l-ebda prova dwar l-eżistenza ta' dawn id-dokumenti.

20. Il-Qorti qabel ma għaddiet biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant, ħadet konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti in atti u tad-diversi kwistjonijiet li huwa involut fihom l-appellant mal-

awtoritajiet Maltin, inkluż kwistjonijiet li jqajmu dubji saħansitra dwar l-identità u n-nazzjonalità tiegħu. Il-Qorti tgħid dan għaliex wara kollox kien l-appellant stess li insista li għandu jippreżenta għadd ta' dokumenti, fil-parti l-kbira tagħhom m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-mertu ta' dan l-appell, u l-Qorti tassigura lill-partijiet li dawn id-dokumenti tat kashom u ħadet nota tagħhom.

21. Il-Qorti tibda billi tirrileva li din il-Qorti tal-Appell hija qorti ta' reviżjoni u għalhekk ma tidħolx fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u hija biss il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili [Sede Kostituzzjonali] li tista' tagħti deċiżjonijiet dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamentali, *ai termini* tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 4 tal-Kap. 319. Fi kwalunkwe każ il-Qorti tqis li l-pern tal-kwistjoni kollha bejn il-partijiet hija jekk huwiex vera li l-awtorità pubblika (il-Ministeru appellat) għandha f'idejha dokumenti jew korrispondenza li l-appellant jgħid li ttieħdu mill-pussess tiegħu, u f'każ li tali dokumenti jeżistu, jekk l-awtorità pubblika setgħetx tirrifjuta li tagħti aċċess lill-appellant għal dawn id-dokumenti. L-istqarrijiet li għamel l-appellant f'dan ir-rigward diġà taw deċiżjoni dwarhom il-Kummissarju u t-Tribunal, li t-tnejn li huma esprimew dubji dwar kemm tali dokumenti verament jeżistu. Wara li qieset l-atti fl-intier tagħhom, anki din il-Qorti għandha d-dubji tagħha dwar l-eżistenza ta' tali dokumenti, speċjalment meta tikkonsidra n-natura tal-ilment u tal-allegazzjonijiet li saru dwar l-appellant, inkluż dwar l-identità vera tiegħu. Il-Qorti tirrileva li l-appellant ma ġab l-ebda prova li turi li d-dokument li qiegħed jitlob aċċess għalih jeżisti verament, u għalhekk ma tista' ssir l-ebda insistenza fuq l-awtorità pubblika

appellata biex din tipproduċi dokument li mhux fil-pussess tagħha, u li hemm dubji serji kemm verament jeżisti.

22. Il-Qorti hija tal-fehma li m'għandhiex għalfejn ittawwal wisq dwar dan ir-rikors tal-appell, għaliex huwa pależament frivolu u vessatorju, b'ilmenti li jirrepetu argumenti li diġà ġew deċiżi mill-Kummissarju u mit-Tribunal. In vista ta' din il-konsiderazzjoni, il-Qorti sejra tiddeċiedi mhux biss li tiċħad l-appell tal-appellant, iżda wkoll qiegħda tordna li dan għandu jħallas spejjeż doppji fir-rigward ta' dawn il-proċeduri.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**In vista tal-fatt li din il-Qorti qiegħda tikkonsidra li dan l-appell hu wieħed frivolu u vessatorju, qiegħda tikkundanna lill-appellant għad-*doppie spese.***

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**